



Struzzjonijiet għall-mili tal-formoli tal-assi totali u l-iskopertura totali għar-riskju biex jinġabru l-fatturi tariffarji superviżorji

April 2019

1

Struzzjonijiet ġenerali għaż-żewġ formoli¹

- “Isem”, “kodiċi MFI” u “kodiċi LEI” jirreferu għad-debitur tariffarju.²
- Il-“kodiċi MFI” dejjem għandu jimtela u l-“kodiċi LEI” huwa obligatorju fl-id-debitur tariffarju huwa fergħa. Fil-każ tal-fergħat, il-kaxxa tal-“kodiċi LEI” għandha titfalla vojta.
- L-ammonti tal-assi totali (TA) u l-iskopertura totali għar-riskju (TRE) għandhom jitniżżlu f’euro, f’ammonti sħaħ.
- Il-kolonna “kummenti” li tidher fiż-żewġ formoli għandha tintuża mill-entitajiet taħt superviżjoni biex jirrappurtaw tagħrif ieħor li jista’ jintuża biex tintiehem id-dejta jew xi informazzjoni oħra li tinqasam mal-awtorità nazzjonali kompetenti (NCA).
- Il-formola tal-“iskopertura totali għar-riskju” għandha tkun l-ewwel li timtela.³
- Il-fatturi tariffarji jiġu kalkulati billi jitqies l-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni. Għalhekk, fost assi oħra, l-assi tad-ditti tal-investment għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-fatturi tariffarji jekk id-ditti tal-investment ikunu parti minn grupp bankarju fl-ogħla livell ta’ konsolidazzjoni.

Konvenzjoni taċ-ċifri

Il-valuri tad-dejta fiż-żewġ formoli għandhom jingħataw f’ammonti assoluti.

¹ It-test tal-formoli jinsab bil-lingwi nazzjonali fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni (UE) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta’ Frar 2015 dwar il-metodoloġija u l-proċeduri għad-determinazzjoni u l-ġbir ta’ dejta dwar fatturi tariffarji użati għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali (BĊE/2015/7).

² Id-debitur tariffarju jsewi bħala punt ta’ kuntatt mal-BĊE għall-komunikazzjoni kollha li għandha x’taqsam mat-tariffa superviżorja annwali – ara Debitur tariffarju.

³ B’hekk il-kmandi implimentati fil-formola tal-“fatturi tariffarji” ikunu jistgħu jiffunzjonaw tajjeb.

Verifiki tal-kwalità tad-dejta

Il-proċess tal-kwalità tad-dejta – il-verifiki implimentati biex jitqabblu ċ-ċifri tat-TRE u u tat-TA mar-rappurtar regolatorju għad-dispożizzjoni tal-BĊE – huwa mfisser fit-taqsimiet li ġejjin.

2 Struzzjonijiet għall-formola tal-“iskopertura totali għar-riskju” (TRE)

Għandhom jimplimentaw il-kaxxi sofor applikabbli tal-formola. Il-kaxxi kollha mmarkati bil-griż għandhom jitħallew vojta.

It-tagħrif li ġej jinsab fl-intestaturi:

- Perjodu ta' referenza: għat-TRE l-uniku valur possibbli huwa 31/12/2018⁴
- Data (meta tintbagħat): din il-kaxxa għandha timtela bid-data tal-jum meta tintbagħat il-formola tat-TRE
- Isem tal-istituzzjoni jew grupp bankarju: din il-kaxxa għandha timtela bl-isem tad-debitur tariffarju (l-istituzzjoni ta' kreditu/fergħa/entità li tħallas it-tariffa li tkun ġiet nominata bħala debitur tariffarju għall-grupp kollu)
- “Kodiċi MFI” tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa għandha timtela
- “Kodiċi LEI” tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa għandha timtela mid-debituri tariffarji kollha ħlief il-fergħat. Il-fergħat għandhom iħallu din il-kaxxa vojta.

Il-kaxxi fir-ringiela 010 għandhom jimplimentaw skont it-tip ta' istituzzjoni kif ġej:

1. Tip ta' istituzzjoni = 1: grupp taħt superviżjoni li ma jkollux sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi għandu juża l-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 7(1)(a) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2015/7\)](#).

Fir-rigward tal-proċess tal-kwalità tad-dejta, l-ammont tal-iskopertura għar-riskju se jitqabbel mal-aħħar TRE miksub mill-BĊE permezz tar-rappurtar regolatorju (COREP, formola C 02.00, ringiela 010, kolonna 010) għall-perjodu ta' referenza li ntemm fil-31/12/2018 mibgħut lill-BĊE mill-NCAs. L-entitajiet li jirrapportaw għandhom jaraw li l-valur inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” ikun jaqbel mal-valur mibgħut fir-rappurtar regolatorju lill-NCAs. Jekk l-entitajiet li jirrapportaw jidentifikaw differenzi bejn il-valur tat-TRE inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” u l-aħħar rappurtar regolatorju mibgħut lill-NCA tagħhom, għandu jintbagħat lill-NCA l-iżjed valur aġġornat tat-TRE. Jekk jiġu identifikati differenzi waqt il-verifiki tal-kwalità tad-dejta li jsiru mill-BĊE, issir talba lill-entità li tirrapporta (permezz tal-NCA tagħha) biex dawn id-differenzi jiffissru.

⁴ Dan japplika għall-ġbir tal-fatturi tariffarji tal-2019. B'mod ġenerali, id-debituri tariffarji suppost jipprovdu l-fatturi tariffarji billi jużaw il-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel bħala d-data ta' referenza.

Eżempju

CALCULATION OF FEES TOTAL RISK EXPOSURE		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution A
		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000001
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890
Item		Type of institution 010	Source for risk exposure amount 020	Risk exposure amount 030	Comments 040
010	TOTAL RISK EXPOSURE	1	COREP C 02.00, row 010	1000000	Comment on submitted data
020	CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries		COREP C 06.02, ccl 250 (SUM)		
1021	Entity 1				
1022	Entity 2				
1023	Entity 3				
1024	Entity ...				
1025	Entity N				
030	TOTAL RISK EXPOSURE AMOUNT of the supervised group deducting the CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries: Item 030 is equal to 010 minus 020				

2. Tip ta' istituzzjoni = 2: istituzzjonijiet ta' kreditu li jħallsu t-tariffa li ma jkunux parti minn grupp taħt superviżjoni għandhom jużaw il-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 7(1)(c) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-BĊE \(BĊE/2015/7\)](#).

Fir-rigward tal-proċess tal-kwalità tad-dejta, l-ammont tal-iskopertura għar-riskju jitqabbel mal-aħħar TRE miksub mill-BĊE permezz tar-rappurtar regolatorju (COREP, formola C 02.00, ringiela 010, kolonna 010) għall-perjodu ta' referenza li ntemm fil-31/12/2018 mibgħut lill-BĊE mill-NCAs. L-entitajiet li jirrapportaw għandhom jaraw li l-valur inkluż fil-formola tal-"fatturi tariffarji" ikun jaqbel mal-valur mibgħut fir-rappurtar regolatorju lill-NCAs. Jekk l-entitajiet li jirrapportaw jidentifikaw differenzi bejn il-valur tat-TRE inkluż fil-formola tal-"fatturi tariffarji" u l-aħħar rappurtar regolatorju mibgħut lill-NCA, għandu jintbagħat lill-NCA l-iżjed valur aġġornat tat-TRE. Jekk jġu identifikati differenzi waqt il-verifiki tal-kwalità tad-dejta li jsiru mill-BĊE, issir talba lill-entità li tirrapporta (permezz tal-NCA tagħha) biex dawn id-differenzi jittfissru.

Eżempju

CALCULATION OF FEES TOTAL RISK EXPOSURE		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution B
		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000002
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567891
Item		Type of institution 010	Source for risk exposure amount 020	Risk exposure amount 030	Comments 040
010	TOTAL RISK EXPOSURE	2	COREP C 02.00, row 010	1000000	Comment on submitted data
020	CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries		COREP C 06.02, ccl 250 (SUM)		
1021	Entity 1				
1022	Entity 2				
1023	Entity 3				
1024	Entity ...				
1025	Entity N				
030	TOTAL RISK EXPOSURE AMOUNT of the supervised group deducting the CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries: Item 030 is equal to 010 minus 020				

3. Tip ta' istituzzjoni = 3: it-TRE għall-fergħat li jħallsu t-tariffa jitqies bħala zero skont l-Artikolu 10(3)(a)(ii) tar-[Regolament \(UE\) Nru 1163/2014 \(BĊE/2014/41\)](#).⁵ F'dan il-każ l-"ammont tal-iskoperta għar-riskju" għandu jiġi ssettjat għal 0 mill-entità li tirrapporta meta timtela r-ringiela 010, kolonna 030 tal-formola tal-"fatturi tariffarji".

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Branch A
TOTAL RISK EXPOSURE		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000003
				LEI code	
Item		Type of institution 010	Source for risk exposure amount 020	Risk exposure amount 030	Comments 040
010	TOTAL RISK EXPOSURE	3	COREP C 02.00, row 010	0	
020	CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries		COREP C 06.02, col 250 (SUM)		
1021	Entity 1				
1022	Entity 2				
1023	Entity 3				
1024	Entity ...				
1025	Entity N				
030	TOTAL RISK EXPOSURE AMOUNT of the supervised group deducting the CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries: Item 030 is equal to 010 minus 020				

4. Tip ta' istituzzjoni = 4: grupp taħt superviżjoni li jkollu sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u/jew pajjiżi terzi għandu jirreferi għall-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 7(1)(b) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2015/7\)](#), li tagħti l-għażla li titnaqqas il-kontribuzzjoni ta' dawn is-sussidjarji mit-TRE tal-grupp.

- Ringiela 010, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tat-TRE.
- Ringiela 020, kolonna 030 għandha timtela bis-somma tal-kontribuzzjonijiet kollha tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti rappurtati fil-COREP C 06.02, kolonna 250.
- Ringieli 1021 sa N, kolonna 030 għandhom jimtlew bil-kontribuzzjonijiet tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti li ma jkunux rappurtati fil-COREP C 06.02 iżda jkunu mniżżlin fil-formola tal-"fatturi tariffarji".

Skont l-Anness II, Parti II tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) Nru 680/2014](#),⁶ "istituzzjoni għandha tirrapporta d-dejta tal-kontribuzzjoni ta' entità meta l-kontribuzzjoni tagħha għall-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju taqbeż 1% tal-ammont tal-iskopertura totali

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23).

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

għar-riskju tal-grupp jew meta l-kontribuzzjoni tagħha għall-fondi proprji totali taqbeż 1% tal-fondi proprji totali tal-grupp. Dan il-limitu ma japplikax fil-każ ta' sussidjarji jew subgruppi li jipprovdu fondi proprji (fis-sura ta' interessi ta' minoranza jew strumenti AT1 jew T2 kwalifikanti inklużi fil-fondi proprji) lill-grupp". Għalhekk, id-dejta fuq il-kontribuzzjoni tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti li ma tkunx għet inkluża fil-formola COREP C 06.02 (Solvenza ta' Grupp) rappurtata fi tmiem is-sena rilevanti għandha tiġi rappurtata fir-ringieli 1021 sa N, kolonna 030.

- Ringieli 1021 sa N, Entità 1 sa Entità N għandhom jimtlew bl-ismijiet tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti (fl-eżempju ta' hawn taħt, it-tliet entitajiet li jappartjenu lil "Istituzzjoni C" ġew miżjuda bħala "Istituzzjoni C1", "Istituzzjoni C2" u "Istituzzjoni C3").
- Ringiela 030, kolonna 030 hija ugwali għal ringiela 010 nieqsa ringiela 020 nieqsa s-somma tar-ringieli 1021 sa N.

Eżempju

CALCULATION OF FEES TOTAL RISK EXPOSURE		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution C
		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000004
				LEI code	ABCDEFGHJI1234567893
Item		Type of institution 010	Source for risk exposure amount 020	Risk exposure amount 030	Comments 040
010	TOTAL RISK EXPOSURE	4	COREP C 02.00, row 010	1000000	Comment on submitted data
020	CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries		COREP C 06.02, col 250 (SUM)	40000	
1021	Institution C1			5000	
1022	Institution C2			3000	
1023	Institution C3			2000	
1024	Entity ...				
1025	Entity N				
030	TOTAL RISK EXPOSURE AMOUNT of the supervised group deducting the CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States or third countries: Item 030 is equal to 010 minus 020			950000	

Fl-eżempju ta' hawn fuq, it-TRE għall-grupp taħt superviżjoni hija €1,000,000 (TRE ringiela 010, kolonna 030).

Madankollu, il-grupp għażel li jnaqqas is-sussidjarji stabbiliti fl-Istati Membri mhux parteċipanti. Is-sussidjarji b'kontribuzzjoni għat-TRE li hija ogħla minn 1% tat-TRE ġew inklużi fil-COREP C 06.02. Is-somma ta' dawn il-kontribuzzjonijiet tgħodd total ta' €40,000 (TRE ringiela 020, kolonna 030).

Tliet sussidjarji b'kontribuzzjoni ta' inqas minn 1% tat-TRE jidhru rappurtati fir-ringieli 1021, 1022 u 1023. Is-somma ta' dawn il-kontribuzzjonijiet tgħodd total ta' €10,000.

It-TRE li tqieset biex tistabbilixxi l-fattur tariffarju toħroġ mit-TRE kalkulata awtomatikament fir-ringiela 030, kolonna 030. Dan huwa r-riżultat meta tnaqqas il-kaxxa TRE ringiela 020, kolonna 030, mit-TRE oriġinali fil-kaxxa TRE ringiela 010, kolonna 030 u s-somma tar-ringieli 1021 sa 1023. Fl-eżempju ta' hawn fuq, ir-riżultat ta' dan il-kalkolu huwa €950,000. Dan l-ammont jitqies bħala TRE biex jiġi stabbilit il-fattur tariffarju.

L-ammont tat-TRE oriġinali (€1,000,000 fl-eżempju ta' hawn fuq) se jitqabbel għall-finijiet tal-kwalità tad-dejta mal-aħħar TRE (COREP, formola C 02.00, ringiela 010, kolonna 010) miksuba mill-BĊE permezz tar-rappurtar regolatorju. L-ammont tal-iskopertura għar-riskju rappurtat fir-ringiela 020, kolonna 030, se jitqabbel mal-valuri rappurtati fil-formola C 06.02 li jinkisbu mill-BĊE permezz tar-rappurtar regolatorju.

L-entitajiet li jirrappurtaw għandhom jaraw li l-valur inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” ikun jaqbel mal-valur mibgħut fir-rappurtar regolatorju lill-NCAs tagħhom. Jekk l-entitajiet li jirrappurtaw jidentifikaw differenzi bejn il-valur tat-TRE inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” u l-aħħar rappurtar regolatorju mibgħut lill-NCA, għandu jintbagħat lill-NCA l-iżjed valur aġġornat tat-TRE. Jekk jiġu identifikati differenzi waqt il-verifiki tal-kwalità tad-dejta li jsiru mill-BĊE, issir talba lill-entità li tirrapporta (permezz tal-NCA tagħha) biex dawn id-differenzi jittfissru.

3 Struzzjonijiet għall-formola tal-“assi totali” (TA)

Għandhom jimtlew il-kaxxi sofor applikabbli tal-formola. Il-kaxxi kollha mmarkati bil-griż għandhom jitħallew vojta.

It-tagħrif li ġej jinsab fl-intestaturi:

- Perjodu ta' referenza: tmiem is-sena tal-kontabilità għall-istituzzjonijiet kollha flief il-fergħat. Fil-każ tal-fergħat, l-uniku valur possibbli huwa 31/12/2018.⁷
- Data (meta tintbagħat): din il-kaxxa hija mandatorja u għandha timtela bid-data meta tintbagħat il-formola tat-TA
- Isem tal-istituzzjoni jew grupp bankarju: din il-kaxxa hija marbuta mal-kaxxa TRE korrispondenti
- Kodiċi MFI tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa hija marbuta mal-kaxxa TRE korrispondenti
- Kodiċi LEI tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa hija marbuta mal-kaxxa TRE korrispondenti

Il-kaxxi fir-ringiela 010 għandhom jimtlew skont it-tip ta' istituzzjoni, kif ġej:

1. Meta l-entità li tirrapporta tibgħat ċifra tat-TA li tikkorrispondi għall-ammont tat-TA stipulat fl-Artikolu 51 tar-[Regolament \(UE\) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(Regolament Qafas tal-MSU\) \(BĊE/2014/17\)](#),⁸ hija għandha tuża

⁷ Dan japplika għall-ġbir tal-fatturi tariffarji tal-2019. B'mod ġenerali, id-debituri tariffarji suppost jipprovdu l-fatturi tariffarji billi jużaw il-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel bħala data ta' referenza.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1–50).

wieħed mill-metodi li ġejjin biex timla r-ringiela 010 tal-kolonna “tip ta’ istituzzjoni”.

- (i) Tip ta’ istituzzjoni = 1: jekk l-entità taħt superviżjoni tkun parti minn grupp taħt superviżjoni, il-valur totali tal-assi tagħha għandu jiġi stabbilit abbażi tar-rappurtar konsolidat prudenzjali (FINREP.template F 01.01. ringiela 380. Kolonna 010) ta’ tmiem is-sena għall-grupp taħt superviżjoni skont l-**Artikolu 51(1)** tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

L-entitajiet li jirrapportaw għandhom jaraw li l-valur inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” ikun jaqbel mal-valur mibgħut fir-rappurtar regolatorju tagħhom lill-NCA. Jekk l-entitajiet li jirrapportaw jidentifikaw differenzi materjali bejn il-valur tat-TA inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” u l-aħħar rappurtar regolatorju mibgħut lill-NCA tagħhom, għandu jintbagħat lill-NCA l-iżjed valur aġġornat tat-TA. Jekk jiġu identifikati differenzi materjali waqt il-verifiki tal-kwalità tad-dejta li jsiru mill-BĊE, issir talba lill-entità li tirrapporta (permezz tal-NCA tagħha) biex dawn id-differenzi jifissru.

L-entitajiet li jirrapportaw li jagħżlu “tip ta’ istituzzjoni = 1” fil-formola tat-TA jridu jkunu għażlu “tip ta’ istituzzjoni = 1” **jew** “tip ta’ istituzzjoni = 4” fil-formola tat-TRE.

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution A
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000001
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	1		1000000	Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - optional				
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).				

- (ii) Tip ta’ istituzzjoni = 2: jekk l-entità taħt superviżjoni tkun parti minn grupp taħt superviżjoni u t-TA ma jkunx jista’ jiġi stabbilit abbażi tad-dejta msemmija fil-punt (i) hawn fuq, il-valur totali tal-assi għandu jiġi stabbilit abbażi tal-aħħar **kontijiet annwali konsolidati** verifikati mhejjjin skont l-*International Financial Reporting Standards* (IFRS) applikabli fi ħdan l-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill.⁹ Jekk dawn il-kontijiet annwali ma jkunx disponibbli, il-valur totali tal-assi għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati mħejjijin skont il-liġijiet tal-kontabilità nazzjonali applikabbli (ara l-**Artikolu 51(2)** tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

L-entitajiet li jirrapportaw li jagħżlu “tip ta’ istituzzjoni = 2” fil-formola tat-TA iridu jkunu għażlu “tip ta’ istituzzjoni = 1” **jew** “tip ta’ istituzzjoni = 4” fil-formola tat-TRE.

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution D
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000005
				LEI code	ABCDEFGHJ1234567895
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	2		1000000	Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - optional				
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).				

- (iii) Tip ta’ istituzzjoni = 3: jekk l-entità taħt superviżjoni ma tkunx parti minn grupp taħt superviżjoni, il-valur totali tal-assi għandu jiġi stabbilit abbażi tar-rappurtar **individwali prudenzjali** (FINREP.template F 01.01. ringiela 380. Kolonna 010) ta’ tmiem is-sena skont l-**Artikolu 51(3)** tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

L-entitajiet li jirrapportaw għandhom jaraw li l-valur inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” ikun jaqbel mal-valur mibgħut fir-rappurtar regolatorju lill-NCAs tagħhom. Jekk l-entitajiet li jirrapportaw jidentifikaw differenzi materjali bejn il-valur tat-TA inkluż fil-formola tal-“fatturi tariffarji” u l-aħħar rappurtar regolatorju mibgħut lill-NCA tagħhom, għandu jintbagħat lill-NCA l-iżjed valur aġġornat tat-TA. Jekk jiġu identifikati differenzi materjali waqt il-verifiki tal-kwalità tad-dejta li jsiru mill-BĊE, issir talba lill-entità li tirrapporta (permezz tal-NCA tagħha) biex dawn id-differenzi jtifissru.

L-entitajiet li jirrapportaw li jagħżlu “tip ta’ istituzzjoni = 3” fil-formola tat-TA jridu jkunu għażlu “tip ta’ istituzzjoni = 2” fil-formola tat-TRE.

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta’ standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1; Edizzjoni Speċjali bil-Malti: 13/Vol.29, p. 609).

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution B
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000002
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567891
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	3		1000000	Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - optional				
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).				

- (iv) Tip ta' istituzzjoni = 4: jekk l-entità taħt superviżjoni ma tkunx parti minn grupp taħt superviżjoni u t-TA ma jkunx jista' jiġi stabbilit abbażi tad-dejta msemmija fil-punt (iii) hawn fuq, il-valur totali tal-assi għandu jiġi stabbilit abbażi tal-añhar **kontijiet annwali** verifikati m'hejjiġin skont I-IFRS, kif japplikaw fi ħdan l-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002. Jekk dawn il-kontijiet annwali ma jkunux disponibbli, il-valur totali tal-assi għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kontijiet annwali m'hejjiġin skont il-liġijiet tal-kontabilità nazzjonali applikabbli (ara l-**Artikolu 51(4)** tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17)).

L-entitajiet li jirrappurtaw li jagħżlu "tip ta' istituzzjoni = 4" fil-formola tat-TA jridu jkunu għażlu "tip ta' istituzzjoni = 2" fil-formola tat-TRE.

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution E
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000006
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567896
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	4		1000000	Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - optional				
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).				

- (v) Tip ta' istituzzjoni = 5: jekk l-entità taħt superviżjoni tkun fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti, il-valur totali tal-assi tagħha għandu jiġi stabbilit abbażi tad-**dejta statistika** rappurtata skont ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32)¹⁰ (ara l-**Artikolu 51(5)** tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17)). Awditur għandu jiċċertifika t-TA tal-fergħa li tħallas it-tariffa billi jagħmel verifika xierqa tal-kontijiet finanzjarji tagħha.

L-entitajiet li jirrapportaw li jagħżlu "tip ta' istituzzjoni = 5" fil-formola tat-TA jridu jkunu għażlu "tip ta' istituzzjoni = 3" fil-formola tat-TRE.

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Branch A
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000003
				LEI code	
Item		Type of institution 010	Confirmation of auditor's verification (Yes/No) 020	Total assets 030	Comments 040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	5	Yes	1000000	Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member States or third countries - optional				
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).				

2. Fejn l-entità li tirrapporta tibgħat ċifra tat-TA skont l-Artikolu 7(2)(a) jew (b) tad-**Deċiżjoni (UE) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/7)**, hija għandha timla r-ringiela 020 tal-kolonna "tip ta' istituzzjoni" kif ġej:

- (i) Tip ta' istituzzjoni = 6: għal grupp taħt superviżjoni li jkollu biss sussidjarji stabbiliti fi fñdan l-Istati Membri parteċipanti, il-pakketti tar-rappurtar użati mill-entitajiet taħt superviżjoni għat-tnejjija tal-kontijiet konsolidati fil-livell ta' grupp għandhom jintużaw biex jistabbilixxu t-TA. Awditur għandu jiċċertifika t-TA tal-grupp taħt superviżjoni billi jagħmel verifika xierqa tal-pakketti tar-rappurtar.¹¹

L-entitajiet li jirrapportaw li jagħżlu "tip ta' istituzzjoni = 6" fil-formola tat-TA jridu jkunu għażlu "tip ta' istituzzjoni = 1" fil-formola tat-TRE.

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2008/32) (ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14), emendat mir-Regolament (KE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

¹¹ L-Artikolu 7(2)(a) tad-**Deċiżjoni (UE) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/7)**.

- (ii) Tip ta' istituzzjoni = 7: għal istituzzjoni ta' kreditu li tħallas it-tariffa u li ma tkunx parti minn grupp taħt superviżjoni iżda jkollha l-kumpanija prinċipali stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti jew f'pajjiż terz, il-pakketti tar-rappurtar użati mill-istituzzjoni ta' kreditu li tħallas it-tariffa għat-tnejjija tal-kontijiet konsolidati fil-livell ta' grupp għandhom jintużaw biex jistabbilixxu t-TA. Awditur għandu jiċċertifika t-TA tal-istituzzjoni ta' kreditu li tħallas it-tariffa billi jagħmel verifika xierqa tal-pakketti tar-rappurtar.¹²

L-entitajiet li jirrapportaw li jagħżlu "tip ta' istituzzjoni = 7" fil-formola tat-TA jridu jkun u għażlu "tip ta' istituzzjoni = 2" fil-formola tat-TRE.

Eżempju

(validu wkoll għall-għażla 7 billi tbiddel l-entrata "tip ta' istituzzjoni")

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution A
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000001
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification (Yes/No)	Total assets	Comments
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	010	020	030	040
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision	6	Yes	1000000	Comment on submitted data
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - optional				
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).				

3. Fejn l-entità li tirrapporta tibgħat ċifra tat-TA skont l-Artikolu 7(3)(b) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2015/7\)](#), hija għandha timla r-ringiela 030 fil-kolonna "tip ta' istituzzjoni" kif ġej:

- (i) Tip ta' istituzzjoni = 8: grupp taħt superviżjoni li jkollu sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u/jew pajjiżi terzi u jiddeċiedi li juża l-għażla li jnaqqas dawn is-sussidjarji mit-TA rappurtat għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja għandu juża l-metodu stipulat fl-Artikolu 7(3)(b) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2015/7\)](#).

¹² L-Artikolu 7(2)(b) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2015/7\)](#).

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution C
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000004
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567893
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	1		2000000	Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034	8	Yes	1110000	
031	Total assets of all group entities established in participating Member States			1200000	
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional			100000	
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory			50000	
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - optional			40000	
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).				

F'dan il-każ, TA ringiela 030, kolonna 030 m'għandhiex għaliex timtela (se jkun fiha formola awtomatika, li hija TA ringiela 031, kolonna 030 - TA ringiela 032, kolonna 030 + TA ringiela 033, kolonna 030 - TA ringiela 034, kolonna 030). Din iċ-ċifra tirrappreżenta t-TA li jitqies biex jiġi stabbilit il-fattur tariffarju.

Meta tagħżel "Tip ta' istituzzjoni = 1" fir-ringiela 010, kolonna 010, l-entità li tirrapporta tindika li l-valur totali tal-assi jkun ġie stabbilit abbażi tar-rappurtar konsolidat prudenzjali (FINREP.template F 01.01. ringiela 380. Kolonna 010) ta' tmiem is-sena għall-grupp taħt superviżjoni skont l-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17). Għalhekk, il-valur li jidher fir-ringiela 010, kolonna 030, i.e. it-TA oriġinali tal-grupp kollu (b'valur ta' €2,000,000 fl-eżempju ta' fuq) se jintuża fil-proċess tal-kwalità tad-dejta.

Dan l-ammont se jitqabbel mal-añhar TA miksub mill-BĊE fi ħdan ir-rappurtar regolatorju. L-entità li tirrapporta għandha tara li l-valur inkluż fil-formola tal-"fatturi tariffarji" ikun jaqbel mal-valur mibgħut fir-rappurtar regolatorju lill-NCA tagħha. Jekk l-entitajiet li jirrapportaw jidentifikaw differenzi materjali bejn il-valur tat-TA inkluż fil-formola tal-"fatturi tariffarji" u l-añhar rappurtar regolatorju mibgħut lill-NCA tagħhom, għandu jintbagħat lill-NCA l-iżjed valur aġġornat tat-TA. Jekk jiġu identifikati differenzi materjali waqt il-verifiki tal-kwalità tad-dejta li jsiru mill-BĊE, issir talba lill-entità li tirrapporta (permezz tal-NCA tagħha) biex dawn id-differenzi jtifissru.

L-entitajiet li jagħżlu "tip ta' istituzzjoni = 8" fil-formola tat-TA jridu jkunu għażlu "tip ta' istituzzjoni = 1" **jew** "tip ta' istituzzjoni = 4" fil-formola tat-TRE.

4. Meta l-entità li tirrapporta tibgħat iċ-ċifra tat-TA għal entità jew grupp taħt superviżjoni klassifikati bħala “inqas sinifikanti” abbażi ta’ deċiżjoni tal-BĊE li tkun ittiegħdet skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 flimkien mal-Artikolu 70(1) u l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17) u l-Artikolu 10(3)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), hija għandha timla r-ringiela 040 tal-kolonna “tip ta’ istituzzjoni” kif ġej:

- (i) Tip ta’ istituzzjoni = 9: il-fattur tariffarju tat-TA m’għandux jaqbeż €30 biljun għal entitajiet jew gruppi taħt superviżjoni klassifikati bħala “inqas sinifikanti” abbażi ta’ deċiżjoni tal-BĊE kif imfisser fil-paragrafu ta’ qabel. Iċ-ċifra inkluża fir-ringiela 040, kolonna 030, fl-eżempju ta’ taħt titqies biex jiġi stabbilit il-fattur tariffarju.

Meta tagħżel “Tip ta’ istituzzjoni = 1” fir-ringiela 010, kolonna 010, l-entità li tirrapporta tindika li l-valur totali tal-assi jkun ġie stabbilit abbażi tar-rappurtar konsolidat prudenzjali (FINREP.template F 01.01. ringiela 380. Kolonna 010) ta’ tmiem is-sena għall-grupp taħt superviżjoni skont l-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17). Għalhekk, il-valur li jidher fir-ringiela 10, kolonna 030, i.e. it-TA oriġinali tal-grupp kollu (b’valur ta’ €50,000,000,000 fl-eżempju ta’ taħt) se jintuża fil-proċess tal-kwalità tad-dejta.

Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference period	31/12/2016	NAME	Institution F
TOTAL ASSETS		Date	30/06/2017	MFI Code	IT00000009
				LEI code	ABCDEFHIJ1234567899
Item	Type of institution	Confirmation of auditor's verification (Yes/No)	Total assets	Comments	
010	1	020	030	040	
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)		5000000000		Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(2)(a) or (b) of this Decision				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 7(3)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - optional				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - obligatory				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - optional				
040	Total assets for a supervised entity or supervised group classified as less significant on the basis of an ECB decision made in accordance with Article 6(4) of Regulation (EU) No 1024/2013 in conjunction with Article 70(1) and Article 71 of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17) and Article 10(3)(d) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41).	9		3000000000	Comment on submitted data

Rekwiżiti oħra ta' rappurtar

Entitajiet li jirrapportaw li jibagħtu ċifra tat-TA bil-metodu stipulat għal “tip ta' istituzzjoni” (8) jew (9) għandhom jirrapportaw ukoll (fir-ringiela 010, kolonna 010) it-TA skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

Għall-entitajiet li jirrapportaw bil-metodu stipulat għal “tip ta' istituzzjoni” 5, 6, 7 jew 8, l-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jimlew il-kolonna 020 “Confirmation of auditor’s verification” biex jikkonfermaw li ċ-ċifri mogħtija jkunu ġew verifikati minn awditur.

Verifika tal-awditur (kolonna 020)

L-awditur għandu jimpenja ruħu li jirrapporta fuq elementi, kontijiet jew partiti speċifiċi tat-TA.

L-awditur għandu jagħmel il-kompiti li ġejjin fir-rigward ta' dawn l-entitajiet u gruppi taħt superviżjoni:

- Fir-rigward tal-metodu stipulat għal “**tip ta' istituzzjoni**” 5, l-awditur għandu jesprimi l-opinjoni tiegħu fuq jekk id-dejta statistika li sservi ta' bażi għall-kalkolu tal-fattur tariffarju tat-TA tagħtix stampa vera u ġusta skont il-qafas rilevanti tar-rappurtar finanzjarju. Għalhekk it-TA ta' fergħa li tħallas it-tariffa kalkulata abbażi ta' dejta statistika¹³ rappurtata skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) għandu jiġi verifikat minn awditur estern. L-awditur estern għandu jivverifika t-TA tal-fergħa li tħallas it-tariffa billi jagħmel verifika xierqa tal-kontijiet finanzjarji tagħha (l-Artikolu 7(2)(c) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2015/7\)](#)). Dan ir-rekwiżit jista' jiġi sodisfatt billi awditur jikkonferma t-TA abbażi ta' proċeduri li jkun sar qbil fuqhom.
- Fir-rigward tal-metodu stipulat għal “**tip ta' istituzzjoni**” 6 u 7, l-awditur għandu jesprimi l-opinjoni tiegħu fuq jekk il-pakketti tar-rappurtar rilevanti li minnhom joħroġ l-ammont tat-TA jagħtux stampa vera u ġusta skont il-qafas rilevanti tar-rappurtar finanzjarju. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi sodisfatt minn awditur billi tal-anqas joħroġ **assigurazzjoni negattiva**.
- Fir-rigward tal-metodu stipulat għal “**tip ta' istituzzjoni**” 8, meta d-debitur tariffarju juża rendikonti finanzjarji statutorji, l-awditur għandu jiċċertifika li t-TA jikkorrispondi għat-TA li jidher fir-rendikonti finanzjarji statutorji verifikati tal-entitajiet individwali taħt superviżjoni. Meta debitur tariffarju juża pakketti tar-rappurtar, awditur għandu jiċċertifika t-TA użat għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji

¹³ Il-Premessa 7 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) tgħid li “jista' jkun xieraq għall-banek ċentrali nazzjonali li jiġbru mingħand il-popolazzjoni attwalment suġġetta għar-rappurtar it-tagħrif statistiku neċessarju biex jiġu sodisfatti l-obbligi statistiċi tal-BĊE bħala parti minn qafas ta' rappurtar statistiku usa' li l-banek ċentrali nazzjonali jstabbilixxu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni jew il-prattika stabbilita u li sservi wkoll għanijiet statistiċi oħrajn, sakemm ma jiġix mhedded it-tweqqif tal-obbligi statistiċi tal-BĊE ...”.

annwali billi jagħmel verifika xierqa tal-pakketti tar-rappurtar li jkunu ntużaw. Fil-każijiet kollha, l-awditur irid jikkonferma li l-proċess tal-aggregazzjoni ma jgħaddx mill-proċedura stipulata fid-[Deċiżjoni \(UE\) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2015/7\)](#) u li l-kalkolu li jsir mid-debitur tariffarju jkun konsistenti mal-metodu tal-kontabilità użat biex jikkonsolida l-kontijiet tal-grupp ta' entitajiet li jħallsu t-tariffa.